Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 99

Volum 59

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

15 ta' April 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/576 tal-14 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "rafossanid"** [1] 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/577 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 4

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni** 6

LINJI GWIDA

★ **Linja Gwida (UE) 2016/579 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Marzu 2016 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2012/27 dwar is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (BĊE/2016/6)** 21

Rettifika

★ **Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2448 tal-14 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali** (ĠU L 345, 30.12.2015) 34

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/576

tal-14 ta' April 2016

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "rafossanid"

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fformulata mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, għandu jiġi stabbilit f'Regolament il-limitu massimu ta' residwi (minn hawn 'il quddiem "MRL") għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fil-prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel jew fil-prodotti bijoċidali użati fit-trobbija tal-annimali.

(2) It-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fejn jidħlu l-MRLs fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali.

(3) Bħalissa r-rafossanid huwa inkluż f'dik it-tabella bħala sustanza approvata għall-ispeċijiet bovini u ovini, applikabbli għall-muskoli, ix-xaħam, il-fwied, il-kliewi u l-ħalib. Il-limiti massimi tar-residwi provviżorji għal dik is-sustanza stabbiliti għall-ħalib tal-bovini u tal-ovini skadew fil-31 ta' Diċembru 2015.

(4) L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawn 'il quddiem "EMA"), irċeviet applikazzjoni għall-estensjoni tal-perjodu ta' żmien li tapplika għall-MRL provviżorju tar-rafossanid fil-ħalib tal-bovini u tal-ovini.

(5) L-EMA, ibbażata fuq l-opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju qieset li l-estensjoni tal-MRL provviżorju eżistenti għar-rafossanid fil-ħalib tal-bovini u tal-ovini se tagħin biex jitlestew l-istudji xjentifiċi li għaddejjin bħalissa, u għalhekk irrakkomandat li l-MRL provviżorju jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2017.

(6) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandu jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1).

(7) Peress li l-MRL provviżorju għar-rafossanid fil-ħalib tal-bovini u tal-ovini skada fil-31 ta' Diċembru 2015 u biex jitħarsu l-aspettattivi leġittimi tal-operaturi tas-suq dwar l-użu ta' dik is-sustanza, l-estensjoni tal-MRL provviżorju għandha tidħol fis-seħħ b'urġenza u għandha tapplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2016.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, l-annotazzjoni għas-sustanza “rafossanid” tinbidel b’dan li ġej:

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi tal-annimali	MRL	Tessuti kkonċernati	Dispożizzjonijiet oħrajn (skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009)	Klassifikazzjoni Terapewtika
“Rafossanid	Rafossanid	Bovini	30 µg/kg 30 µg/kg 10 µg/kg 40 µg/kg	Il-muskoli Ix-xaħam Il-fwied Il-kliewi	L-EBDA ANNOTAZZJONI	Aġenti li jaġixxu kontra l-parassiti/Aġenti li jaġixxu kontra l-endoparassiti”
		Ovini	100 µg/kg 250 µg/kg 150 µg/kg 150 µg/kg	Il-muskoli Ix-xaħam Il-fwied Il-kliewi		
		Bovini, ovini	10 µg/kg	Ħalib	L-MRL provviżorju għandu jibqa’ validu sal-31 ta’ Diċembru 2017	

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/577

tal-14 ta' April 2016

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (1)	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	180,1
	MA	94,9
	SN	58,8
	TR	96,3
	ZZ	107,5
0707 00 05	MA	80,6
	TR	114,2
	ZZ	97,4
0709 93 10	MA	94,0
	TR	138,8
	ZZ	116,4
0805 10 20	EG	49,1
	IL	76,7
	MA	57,8
	TR	40,8
	ZZ	56,1
0808 10 80	AR	93,6
	BR	99,0
	CL	116,4
	CN	102,3
	US	148,8
	ZA	84,6
	ZZ	107,5
0808 30 90	AR	104,6
	CL	108,5
	CN	110,0
	ZA	103,7
	ZZ	106,7

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/578

tal-11 ta' April 2016

li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 281 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 280 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem, "il-Kodiċi") jipprovdi li l-Kummissjoni tfassal programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi (minn hawn 'il quddiem, 'il-Programm ta' Ħidma'). L-ewwel Programm ta' Ħidma ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/255/UE ([2]). Jinħtieġ li dak il-programm jiġi aġġornat. Minħabba l-għadd ta' tibdiliet li huma meħtieġa fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE u għal raġunijiet ta' ċarezza, jixraq li dik id-Deċiżjoni tiġi sostitwita u revokata.

(2) Il-Programm ta' Ħidma huwa importanti b'mod partikolari għat-twaqqif tal-miżuri tranżizzjonali relatati mas-sistemi elettroniċi u mal-iskadenza għat-tnedija tas-sistemi li għadhom mhumiex operattivi sad-data tal-applikazzjoni tal-Kodiċi, l-1 ta' Mejju 2016. Għalhekk, il-Programm ta' Ħidma huwa meħtieġ biex jistabbilixxi l-perjodi tranżizzjonali relatati mas-sistemi elettroniċi stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([3]), fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 ([4]) u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([5]).

(3) Il-Kodiċi jipprovdi li kull skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali u l-ħżin ta' din l-informazzjoni, għandhom isiru permezz ta' metodi elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta u li s-sistemi tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni joffru l-istess faċilitajiet lill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, il-Programm ta' Ħidma għandu jistabbilixxi pjan estensiv għall-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tal-Kodiċi.

(4) Għaldaqstant, il-Programm ta' Ħidma għandu jkun fih lista tas-sistemi elettroniċi li għandhom jiġu mħejjija u żviluppati mill-Istati Membri ("is-sistemi nazzjonali") jew mill-Istati Membri f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni ("is-sistemi trans-Ewropej"), sabiex il-Kodiċi jsir applikabbli fil-prattika. Din il-lista għandha tkun ibbażata fuq id-dokument ta' ppjanar eżistenti marbut mal-proġetti doganali kollha relatati mal-IT, imsejjaħ il-pjan strateġiku

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/255/UE tad-29 ta' April 2014 li tistabbilixxi l-Programm ta' Ħidma għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 134 7.5.2014, p. 46).
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).
([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni meta s-sistemi elettroniċi relevanti ma jkunux għadhom bdew jitħaddmu u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 (ĠU L 69, 15.3.2016, p. 1).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

pluriennali ("MASP"), li tfassal skont id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 4 u l-Artikolu 8(2) tagħha. Is-sistemi elettroniċi msemmija fil-Programm ta' Ħidma għandhom ikunu soġġetti għall-istess approċċ ta' ġestjoni tal-proġetti u għandhom jitħejjew u jiġu żviluppati kif stabbilit fil-MASP.

(5) Il-Programm ta' Ħidma għandu jidentifika s-sistemi elettroniċi kif ukoll il-bażi ġuridika relatata, il-miri ewlenin u d-dati previsti biex jibdew l-operazzjonijiet. Id-dati msemmija bħala "d-dati tal-bidu tat-tnedija" għandhom ikunu d-dati l-aktar kmieni li minnhom l-Istati Membri jkunu kapaċi jibdew iħaddmu s-sistema elettronika ġdida. Barra minn hekk, il-programm ta' ħidma għandu jiddefinixxi "d-dati tat-tmiem tat-tnedija" bħala d-dati l-aktar tard li fihom l-Istati Membri kollha u l-operaturi ekonomiċi kollha jibdew jużaw is-sistema elettronika ġdida jew aġġornata kif meħtieġ skont il-Kodiċi. Dawn it-twieqi ta' żmien jinħtieġu għall-implimentazzjoni tat-tnedija tas-sistema fil-livell tal-Unjoni. It-tul tat-twieqi taż-żmien għandu jqis il-bżonnijiet tat-tnedija ta' kull sistema.

(6) Il-limiti ta' żmien għat-tnedija tas-sistemi trans-Ewropej għandhom jiġu stabbiliti jew permezz ta' dati speċifiċi jew, fejn meħtieġ, permezz ta' twieqi ta' żmien. Dawn it-twieqi ta' żmien għandhom ikunu limitati għal dak li huwa neċessarju għall-migrazzjoni tas-sistema attwali użata mill-Istati Membri u mill-operaturi ekonomiċi għas-sistema l-ġdida. Fil-limiti ta' dawn it-twieqi ta' żmien, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu meta jibdew u jtemmu l-migrazzjoni tas-sistemi tagħhom u biex l-operaturi ekonomiċi jużaw u jagħmlu konnessjoni mas-sistemi l-ġodda. Id-data tat-tmiem stabbilita minn kull Stat Membru għandha tikkostitwixxi d-data tat-tmiem tal-validità tal-perjodu marbut mar-regoli tranżizzjonali għas-sistemi elettroniċi rilevanti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, fir-Regolament Delegat (UE) 2016/341 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

(7) Il-limiti ta' żmien għat-tnedija u l-migrazzjoni tas-sistemi nazzjonali għandhom jiġu stabbiliti skont il-pjanijiet nazzjonali tal-proġetti u tal-migrazzjoni tal-Istati Membri peress li dawn is-sistemi jappartjenu għall-ambjenti u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-IT speċifiċi. Id-data tat-tmiem stabbilita minn kull Stat Membru għandha tikkostitwixxi d-data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali marbut mas-sistemi elettroniċi rilevanti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, fir-Regolament Delegat (UE) 2016/341 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447. Għal raġunijiet ta' trasparenza, u skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341, l-Istati Membri għandhom jissottomettu l-ippjanar nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tippubblika dak l-ippjanar fuq is-sit web Europa. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom, fi żmien debitu, jiżguraw it-trażmissjoni lill-operaturi ekonomiċi tal-informazzjoni teknika meħtieġa biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jaġġornaw is-sistemi tagħhom, meta jkun hemm bżonn, u jagħmlu konnessjoni mas-sistemi l-ġodda jew aġġornati u japplikaw ir-regoli u r-rekwiżiti tad-dejta l-ġodda, filwaqt li japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-Istati Membri fil-gwidi nazzjonali tagħhom ta' prattiki tajba tal-IT.

(8) Is-sistemi elettroniċi msemmija fil-Programm ta' Ħidma għandhom ikunu magħżula fid-dawl tal-impatt mistenni tagħhom f'termini tal-prijoritajiet definiti fil-Kodiċi. Waħda mill-prijoritajiet ewlenin f'dan ir-rigward hija li l-operaturi ekonomiċi jkunu offruti firxa wiesgħa ta' servizzi doganali elettroniċi fit-territorju doganali sħiħ tal-Unjoni. Barra minn hekk, is-sistemi elettroniċi għandu jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza, l-effettività u l-armonizzazzjoni tal-proċessi doganali madwar l-Unjoni. L-ordni u l-iskeda tat-tnedija tas-sistemi inklużi fil-Programm ta' Ħidma għandhom ikunu bbażati fuq konsiderazzjonijiet prattiċi u tal-ġestjoni tal-proġetti bħat-tixrid tal-isforzi u tar-riżorsi, l-interkonnessjoni bejn il-proġetti, il-prerekwiżiti speċifiċi ta' kull sistema u l-maturità tal-proġett. Il-Programm ta' Ħidma għandu jorganizza l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi fi stadji differenti. Minħabba l-għadd sostanzjali ta' sistemi u interfaċċi li għandhom jiġu żviluppati, imnedija u miżmuma u minħabba l-ispejjeż għoljin involuti biex jimplimentaw bis-sħiħ il-Programm ta' Ħidma sas-sena 2020, għandhom jiġu żgurati segwitu u monitoraġġ mill-qrib.

(9) Filwaqt li s-sistemi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi għandhom jiġu żviluppati, imnedija u miżmuma mill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex jiżguraw li t-tħejjija u l-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi jiġu ġestiti f'konformità mal-Programm ta' Ħidma u li jittieħdu l-miżuri xierqa biex is-sistemi identifikati jiġu ppjanati, imfassla, żviluppati u mnedija b'mod ikkoordinat u f'waqtu.

(10) Sabiex tiġi żgurata s-sinkroniċità bejn il-Programm ta' Ħidma u l-MASP, il-Programm ta' Ħidma għandu jiġi aġġornat fl-istess ħin bħall-MASP u għandu jiġi allinjat mal-MASP. Fl-istabbiliment ta' aġġornamenti futuri tal-Programm ta' Ħidma ser ikun meħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-progress miksub kull sena fl-ilħiq tal-miri miftiehma stabbiliti, minħabba n-natura ambizzjuża u diffiċli tas-sistemi elettroniċi li għandhom jiġu ffinalizzati fis-snin 2019 u 2020 kif ukoll minħabba l-konċentrazzjoni tax-xogħol ippjanat bħalissa għas-snin 2019 u 2020.

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ (ĠU L 23, 26.1.2008, p. 21).

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Programm ta' Ħidma

Il-Programm ta' Ħidma marbut mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem, il-"Programm ta' Ħidma"), kif stabbilit fl-Anness, huwa b'dan adottat.

Artikolu 2

Implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma.

2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jniedu s-sistemi elettroniċi rilevanti sad-dati tat-tmiem tat-twieqi tat-tnedija rilevanti stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma.

3. Il-proġetti speċifikati fil-Programm ta' Ħidma u t-tħejjija u l-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi relatati għandhom ikunu ġestiti b'mod konsistenti mal-Programm ta' Ħidma u mal-pjan strateġiku pluriennali ("MASP").

4. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-impenn li ssib fehim u qbil komuni mal-Istati Membri dwar l-ambitu tal-proġett, it-tfassil, ir-rekwiżiti u l-arkitettura tas-sistemi elettroniċi sabiex jibdew il-proġetti tal-Programm ta' Ħidma. Fejn ikun rilevanti, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta wkoll l-operaturi ekonomiċi u tikkunsidra l-fehmiet tagħhom.

Artikolu 3

Aġġornamenti

1. Il-Programm ta' Ħidma għandu jiġi soġġett għal aġġornamenti regolari sabiex ikun żgurat li jkun allinjat u aġġustat skont l-aħħar żviluppi fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, u biex jitqies il-progress attwali li jkun sar fit-tħejjija u l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà tal-ispeċifikazzjonijiet maqbula b'mod komuni u tar-realizzazzjoni tat-tħaddim tas-sistemi elettroniċi.

2. Sabiex tiġi żgurata s-sinkroniċità bejn il-Programm ta' Ħidma u l-MASP, il-Programm ta' Ħidma għandu jiġi aġġornat mill-anqas kull sena.

Artikolu 4

Komunikazzjoni u Governanza

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar l-ippjanar u l-progress fl-implimentazzjoni ta' kull waħda mis-sistemi.

2. Mhux iktar tard minn sitt xhur qabel id-data ppjanata tat-tnedija għal sistema tal-IT partikolari, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tal-proġetti u tal-migrazzjoni. Dawk il-pjanijiet għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

— id-data tal-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-komunikazzjoni esterna tas-sistema elettronika;

— il-perjodu tat-testijiet tal-konformanza mal-operaturi ekonomiċi;

— id-dati tat-tnedija tas-sistema elettronika, inkluż il-bidu tal-operazzjonijiet, u, fejn applikabbli, il-perjodu li matulu l-operaturi ekonomiċi jkunu awtorizzati jagħmlu l-migrazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali tal-proġetti u tal-migrazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-pjanijiet nazzjonali tal-proġetti u tal-migrazzjoni fuq is-sit web tagħha.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi marbuta mal-komunikazzjoni esterna tas-sistema elettronika nazzjonali lill-operaturi ekonomiċi fil-ħin.

Artikolu 5

Tħassir

1. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE hija mħassra.

2. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Il-programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

I. INTRODUZZJONI TAL-PROGRAMM TA' ĦIDMA

1. Il-Programm ta' Ħidma jipprovdi strument li jappoġġa l-applikazzjoni tal-Kodiċi fir-rigward tal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fih.

2. L-għan tal-Programm ta' Ħidma huwa wkoll li jiġu speċifikati perjodi li matulhom ikunu applikabbli l-miżuri tranżizzjonali sat-tnedija tas-sistemi elettroniċi l-ġodda jew aġġornati kif imsemmi fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, fir-Regolament Delegat (UE) 2016/341 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

3. Il-"pass ewlieni" f'termini tad-data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, għandu jinftiehem bħala d-data li fiha ssir disponibbli verżjoni stabbli tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Għas-sistemi jew il-komponenti nazzjonali, din id-data għandha tiġi kkomunikata bħala parti mill-ippjanar nazzjonali tal-proġetti ppubblikati.

4. Il-Programm ta' Ħidma jistabbilixxi d-"dati tat-tnedija" tas-sistema trans-Ewropea u tas-sistemi nazzjonali:

   (a) id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija għas-sistemi elettroniċi, li għandha tinftiehem bħala l-aktar data kmieni għall-bidu tal-operazzjonijiet tas-sistema elettronika;

   (b) id-data ta' tmiem tat-tieqa tat-tnedija għas-sistemi elettroniċi, li għandha tinftiehem bħala

      — l-aħħar data sa meta s-sistemi jeħtieġ jitħaddmu mill-Istati Membri kollha u jintużaw mill-operaturi ekonomiċi kollha, u kif ukoll

      — id-data tat-tmiem tal-validità tal-perjodu tranżizzjonali.

   Għall-finijiet tal-punt (b), id-data se tkun l-istess bħal dik tal-bidu f'każ li ma tkun prevista ebda tieqa ta' żmien reali (tnedija jew migrazzjoni).

5. Għal sistemi purament nazzjonali jew għal komponenti nazzjonali speċifiċi ta' proġett usa' tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar id-"dati tat-tnedija" kif ukoll dwar id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem ta' tieqa ta' tnedija skont l-ippjanar nazzjonali tal-proġetti tagħhom.

   Dawn is-sistemi nazzjonali jew dawn il-komponenti nazzjonali speċifiċi huma koperti mill-ewwel paragrafu:

   (a) AES tal-KDU — Komponent 2 (aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Esportazzjoni) (il-punt 10 tal-Parti II);

   (b) Proċeduri Speċjali tal-KDU (SP IMP/SP EXP) (il-punt 12 tal-Parti II);

   (c) Notifika tal-wasla tal-KDU, Notifika tal-Preżentazzjoni u Ħżin Temporanju (il-punt 13 tal-Parti II);

   (d) aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni tal-KDU (il-punt 14 tal-Parti II);

   (e) Ġestjoni tal-Garanzija (GUM) tal-KDU — il-Komponent 2 (il-punt 16 tal-Parti II).

6. Għal sistemi trans-Ewropej b'tieqa tat-tnedija reali minħajr data waħda tal-implimentazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jibdew it-tnedija f'data xierqa f'din it-tieqa u jistgħu jippermettu perjodu ta' żmien biex l-operaturi ekonomiċi jemigraw f'din it-tieqa tat-tnedija, fejn tali perjodu ta' żmien jitqies li huwa xieraq. Id-dati tal-bidu u t-tmiem għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni. Jeħtieġ jiġi kkunsidrat eżami bir-reqqa tal-aspetti komuni tal-qasam.

   Dawn is-sistemi trans-Ewropej huma koperti mill-ewwel paragrafu:

   (a) Prova ta' Status tal-Unjoni tal-KDU (PoUS) (il-punt 8 tal-Parti II),

   (b) aġġornament tal-NCTS tal-KDU (il-punt 9 tal-Parti II);

   (c) AES tal-KDU (il-Komponent 1) (il-punt 10 tal-Parti II).

7. Fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtieġ li jimmaniġjaw bir-reqqa l-kumplessità f'termini tad-dipendenzi, tal-fatturi varjabbli u tas-suppożizzjonijiet. Il-prinċipji stipulati fil-MASP se jintużaw biex iġestixxu l-ippjanar.

Il-proġetti se jsiru f'fażijiet differenti mill-elaborazzjoni għall-kostruzzjoni, mill-ittestjar u l-migrazzjoni għall-operazzjoni finali. Ir-rwol tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri f'dawn il-fażijiet differenti se jiddependi fuq in-natura u l-arkitettura tas-sistemi u l-komponenti jew is-servizzi tagħhom kif deskritt fl-iskedi ta' proġetti dettaljati tal-MASP. Fejn xieraq, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni jiġu definiti mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u soġġetti għal rieżami magħhom, bil-ħsieb li jipprovduhom 24 xahar qabel id-data fil-mira tat-tnedija tas-sistema elettronika. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mfassla nazzjonalment għas-sistemi jew għall-komponenti nazzjonali meħtieġa għandhom isiru disponibbli fil-ħin, tal-inqas fir-rigward tal-partijiet relatati mal-komunikazzjoni esterna mal-operaturi ekonomiċi, sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jippjanaw u jaġġustaw is-sistemi u l-interfaċċi tagħhom skont il-bżonn.

L-Istati Membri, u fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni, se jieħdu sehem fl-iżvilupp u fit-tnedija tas-sistemi, skont l-arkitettura u l-ispeċifikazzjonijiet definiti tas-sistema. L-attivitajiet se jitwettqu fir-rigward tal-passi ewlenin u d-dati msemmija fil-Programm ta' Ħidma. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jikkooperaw ukoll mal-operaturi ekonomiċi u ma' partijiet ikkonċernati oħra.

L-operaturi ekonomiċi jkollhom jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu jistgħu jużaw is-sistemi ladarba jkunu fis-seħħ u mhux aktar tard mid-dati tat-tmiem definiti f'dan il-Programm ta' Ħidma jew, fejn applikabbli, id-dati definiti mill-Istati Membri bħala parti mill-pjan nazzjonali tagħhom.

II. LISTA TA' PROĠETTI RELATATI MAL-IŻVILUPP U T-TNEDIJA TAS-SISTEMI ELETTRONIĊI

A. **Lista sħiħa**

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika [1]	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika [2] = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
1. **Sistema tal-Esportatur Reġistrat (REX) tal-KDU** Il-proġett għandu l-għan li jagħmel disponibbli l-informazzjoni aġġornata dwar Esportaturi Reġistrati stabbiliti f'pajjiżi tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) li jesportaw merkanzija lejn l-Unjoni. Is-sistema se tkun ukoll sistema trans-Ewropea u se tinkludi wkoll dejta dwar l-operaturi ekonomiċi tal-UE bil-għan li tappoġġa l-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi tas-SĠP. Id-dejta meħtieġa se tiddaħħal fis-sistema b'mod gradwali sal-31 ta' Diċembru 2017.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 64 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2015	1.1.2017	1.1.2017
2. **Sistema tal-Informazzjoni Vinkolanti dwar it-Tariffi (BTI) tal-KDU** Il-proġett għandu l-għan li jipprovdi aġġornament tas-sistema trans-Ewropea EBTI-3 u tas-sistema Sorveljanza 2 eżistenti biex jiġi żgurat dan li ġej: (a) l-allinjament tas-sistema EBTI-3 mar-rekwiżiti tal-KDU; (b) l-estensjoni tad-dejta tad-dikjarazzjoni rikjesta fl-ambitu tas-sorveljanza; (c) il-monitoraġġ tal-użu obbligatorju tal-BTI; (d) il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-użu estiż tal-BTI. Il-proġett se jiġi implimentat f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi se tipprovdi, l-ewwel nett, il-funzjonalità biex tirċievi s-sett tad-dejta tad-dikjarazzjoni meħtieġa tal-KDU (jiġifieri, il-pass 1) mill-1 ta' Marzu 2017 b'mod gradwali sal-implimentazzjoni tal-proġetti elenkati fil-punti 10 u 14 ta' hawnhekk (u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020), u t-tieni nett, se tissodisfa l-obbligu tal-kontroll tal-użu tal-BTI abbażi tas-sett tad-dejta tad-dikjarazzjoni li tkun għadha kif ġiet rikjesta u l-allinjament mal-proċess tad-deċiżjonijiet doganali (jiġifieri, il-pass 2). It-tieni fażi se timplimenta l-formola elettronika tal-applikazzjoni u tad-deċiżjoni tal-BTI u se tipprovdi lill-operaturi ekonomiċi b'interfaċċa armonizzata għall-kummerċjanti tal-UE biex jissottomettu l-applikazzjoni tal-BTI u jirċievu d-deċiżjoni tal-BTI b'mod elettroniku.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16,22, 23, 26, 27, 28, 33 u 34 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q2 2016 (il-fażi 1) Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2016 (il-fażi 2)	1.3.2017 (il-fażi 1 — il-pass 1) 1.10.2017 (il-fażi 1 — il-pass 2) 1.10.2018 (il-fażi 2)	1.3.2017 (il-fażi 1 — il-pass 1) 1.10.2017 (il-fażi 1 — il-pass 2) 1.10.2018 (il-fażi 2)

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika (1)	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika (2) = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
3. **Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU** Il-proġett għandu l-għan li jarmonizza l-proċessi relatati mal-applikazzjoni għal deċiżjoni doganali, mat-teħid tad-deċiżjonijiet u mal-ġestjoni tad-deċiżjonijiet permezz tal-istandardizzazzjoni u tal-ġestjoni elettronika tad-dejta tal-applikazzjoni u tad-deċiżjoni/tal-awtorizzazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea. Il-proġett huwa marbut mad-deċiżjonijiet nazzjonali u mad-deċiżjonijiet bejn diversi Stati Membri definiti mill-Kodiċi u se jkopri l-komponenti tas-sistema żviluppati b'mod ċentralizzat fil-livell tal-Unjoni u se wkoll l-integrazzjoni mal-komponenti nazzjonali fejn l-Istati Membri jkunu għażlu din l-opzjoni. Din is-sistema trans-Ewropea se tiffaċilita l-konsultazzjonijiet matul il-perjodu tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ġestjoni tal-proċess tal-awtorizzazzjonijiet. Din is-sistema trans-Ewropea tikkonsisti f'portal tal-kumerċjanti tal-UE, sistema tal-ġestjoni tad-deċiżjonijiet doganali, u sistema ta' referenza tal-klijenti.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16,22, 23, 26, 27 u 28 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q4 2015	2.10.2017	2.10.2017
4. **Aċċess dirett min-negozjanti għas-Sistemi tal-Informazzjoni Ewropea (Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u Firma Diġitali)** L-għan ta' dan il-proġett huwa li jipprovdi soluzzjonijiet prattikabbli għal aċċess dirett u armonizzat min-negozjanti tal-UE bħala servizz biex l-interfaċċi "utent mas-sistema" jiġu integrati fis-sistemi doganali elettroniċi kif definit fil-proġetti speċifiċi tal-KDU. Il-Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u l-Firma Diġitali se jiġu integrati fil-portali tas-sistemi kkonċernati u se jinkludi appoġġ għall-identità, għall-aċċess u għall-ġestjoni tal-utenti konformi mal-politiki tas-sigurtà meħtieġa. L-ewwel tnedija hija prevista flimkien mas-sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU. Imbagħad, din is-soluzzjoni teknika għall-awtentikazzjoni u għall-ġestjoni tal-utenti ser tkun disponibbli għall-użu fi proġetti oħra tal-KDU bħall-BTI tal-KDU, l-aġġornament tal-AEO tal-KDU, is-sistema tal-Prova tal-Istatus tal-Unjoni tal-KDU u potenzjalment ukoll is-sistema tad-Dokumenti tal-Informazzjoni (INF) tal-KDU għall-Proċeduri Speċjali. Ara l-proġetti differenti dwar id-dati tat-tnedija.	L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q4 2015	2.10.2017	2.10.2017

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika [1]	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika [2] = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
5. **Aġġornament tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (AEO) tal-KDU** Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-proċessi tan-negozju relatati mal-applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet tal-AEO filwaqt li jitqiesu l-bidliet tad-dispożizzjonijiet legali tal-KDU. Fl-ewwel fażi, il-proġett għandu l-għan li jimplimenta t-titjib ewlieni lis-sistema tal-AEO fid-dawl tal-armonizzazzjoni tal-proċedura doganali tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Fit-tieni fażi, il-proġett se jimplimenta l-formola elettronika tal-applikazzjoni u tad-deċiżjoni tal-AEO u se jipprovdi lill-operaturi ekonomiċi b'interfaċċa armonizzata għall-kummerċjanti tal-UE biex jissottomettu l-applikazzjoni tal-AEO u jirċievu d-deċiżjoni tal-AEO b'mod elettroniku.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16,22, 23, 26, 27, 28, 38 u 39 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2016 Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2017	1.3.2018 (il-fażi 1) 1.10.2019 (il-fażi 2)	1.3.2018 (il-fażi 1) 1.10.2019 (il-fażi 2)
6. **Aġġornament tas-Sistema ta' Reġistrazzjoni u Identifikazzjoni tal-Operatur Ekonomiku tal-KDU (EORI 2)** Dan il-proġett għandu l-għan li jipprovdi aġġornament minuri lis-sistema EORI trans-Ewropea eżistenti li tippermetti r-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi tal-Unjoni u operaturi ta' pajjiżi terzi, kif ukoll persuni oħra li mhumiex operaturi ekonomiċi li huma attivi fi kwistjonijiet doganali fl-Unjoni.	L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q2 2016	1.3.2018	1.3.2018
7. **Sorveljanza 3 tal-KDU** Dan il-proġett għandu l-għan li jipprovdi aġġornament tas-sistema tas-Sorveljanza 2+ li tiżgura l-allinjament tagħha mar-rekwiżiti tal-KDU bħall-iskambju standard ta' informazzjoni b'metodi elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta u l-istabbiliment tal-funzjonalitajiet adegwati meħtieġa għall-ipproċessar u l-analiżi tas-sett sħiħ tad-dejta tas-sorveljanza miksuba mill-Istati Membri. Għaldaqstant dan se jinkludi aktar kapaċitajiet għall-estrazzjoni tad-dejta u funzjonalitajiet tar-rappurtar li għandhom isiru disponibbli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 56(5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2016	1.10.2018	1.10.2018

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika [1]	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika [2] = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
8. **Prova ta' Status tal-Unjoni tal-KDU (PoUS)** Il-proġett jimmira li joħloq sistema trans-Ewropea ġdida biex taħżen, timmaniġġja u tirkupra l-Provi elettroniċi li ġejjin tal-Istatus tal-Unjoni: T2L/F u l-manifest doganali tal-merkanzija (maħruġ minn emittent mhux awtorizzat).	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 153 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2017	1.3.2019	1.10.2019
9. **Aġġornament tas-Sistema Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzata (NCTS) tal-KDU** L-għan ta' dan il-proġett huwa li jallinja s-sistema NCTS trans-Ewropea eżistenti mar-rekwiżiti l-ġodda tal-KDU bħar-reġistrazzjoni tal-avvenimenti "en route" u bħall-allinjament tal-iskambji tal-informazzjoni mar-rekwiżiti taddejta tal-KDU u l-aġġornament u l-iżvilupp ta' interfaċċi ma' sistemi oħra.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 226–236 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2017	1.10.2019	2.3.2020
10. **Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES) tal-KDU** Dan il-proġett għandu l-għan li jimplimenta r-rekwiżiti tal-KDU għall-esportazzjoni u l-ħruġ. *Il-Komponent 1 — "AES Trans-Ewropea"*: L-għan tal-proġett huwa li tiġi żviluppata aktar is-Sistema ta' Kontroll tal-Esportazzjoni trans-Ewropea eżistenti sabiex tiġi implimentata AES sħiħa li tkopri r-rekwiżiti tan-negozju għall-proċessi u għad-dejta li joriġinaw mill-KDU, fost l-oħrajn il-kopertura tal-proċeduri simplifikati, kunsinni ta' ħruġ maqsuma u żdoganar ċentralizzat għall-esportazzjoni. Huwa wkoll previst li jkopri l-iżvilupp ta' interfaces armonizzati bis-Sistema tal-Moviment tas-Sisa (EMCS) u s-Sistema Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzata (NCTS). L-AES se tippermetti l-awtomazzjoni sħiħa tal-proċeduri ta' esportazzjoni u tal-formalitajiet tal-ħruġ. L-AES tkopri partijiet li għandhom jiġu żviluppati ċentralment u nazzjonalment. *Il-Komponent 2 — "Aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali ta' Esportazzjoni"*: Barra minn hekk, peress illi mhumiex parti mill-AES iżda huma marbuta mill-qrib, is-sistemi nazzjonali jridu jiġu aġġornati għal elementi nazzjonali speċifiċi relatati mal-formalitajiet tal-esportazzjoni u/jew tal-ħruġ. Sa fejn dawn l-elementi ma jkollhom l-ebda impatt fuq il-qasam komuni għall-AES, jistgħu jiġu koperti minn dan il-komponent.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16, 179 u 263–276 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = għandha tiġi definita mill-Istat Membru (il-komponent 2)	1.10.2019 (il-komponent 1) 1.3.2017 (il-komponent 2)	2.3.2020 (il-komponent 1) 2.3.2020 (il-komponent 2)

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika [1]	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika [2] = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
11. **Dokumenti bit-Tagħrif Ewlieni (INF) tal-KDU għal Proċeduri Speċjali** L-għan ta' dan il-proġett huwa li tiġi żviluppata sistema trans-Ewropea ġdida biex tappoġġa u tissimplifika l-proċessi tal-ġestjoni tad-dejta tal-INF u t-trattament elettroniku tad-dejta tal-INF fil-qasam tal-Proċeduri Speċjali.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16, 215, 237–242 u 250–262 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2018	2.3.2020	2.3.2020
12. **Proċeduri Speċjali tal-KDU** Dan il-proġett għandu l-għan li jaċċellera, jiffaċilita u jarmonizza l-Proċeduri Speċjali madwar l-Unjoni billi jipprovdi mudelli komuni ta' proċessi ta' negozju. Is-sistemi nazzjonali se jimplimentaw il-bidliet tal-KDU kollha meħtieġa għall-ħżin doganali, għall-użu aħħari, għad-dħul temporanju u għall-ipproċessar intern u estern. Il-proġett se jiġi implimentat f'żewġ partijiet. *Il-Komponent 1 — "SP EXP Nazzjonali"*: l-għoti tas-soluzzjonijiet elettroniċi nazzjonali meħtieġa għall-attivitajiet relatati mal-esportazzjoni tal-proċeduri speċjali. *Il-Komponent 2 — "SP IMP Nazzjonali"*: l-għoti tas-soluzzjonijiet elettroniċi nazzjonali meħtieġa għall-attivitajiet relatati mal-importazzjoni tal-proċeduri speċjali. L-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti se ssir permezz tal-proġetti elenkati fil-punti 10 u 14 ta' dan id-dokument.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16, 215, 237–242 u 250–262 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = għandha tiġi definita mill-Istat Membri (għall-komponent 1 u 2)	1.3.2017 (il-komponent 1) Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali (il-komponent 2)	2.3.2020 (il-komponent 1) Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali (il-komponent 2)
13. **Notifika tal-Wasla tal-KDU, Notifika tal-Preżentazzjoni u tal-Ħażna Temporanja** L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiddefinixxi l-proċessi għan-Notifika tal-Wasla tal-mezz tat-trasport, il-Preżentazzjoni tal-merkanzija (in-Notifika tal-Preżentazzjoni) u d-Dikjarazzjoni tal-Ħżin Temporanju kif deskritt fil-KDU u li jappoġġa l-armonizzazzjoni f'dan ir-rigward fost l-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju tad-dejta bejn il-kummerċ u d-dwana. Il-proġett ikopri l-awtomazzjoni tal-proċessi fil-livell nazzjonali.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 133–152 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = għandha tiġi definita mill-Istat Membru	Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali	Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika (1)	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika (2) = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
14. **L-aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni tal-KDU** Il-proġett jimmira li jimplimenta r-rekwiżiti kollha tal-proċess u tad-dejta stipulati fil-KDU li huma relatati mal-qasam tal-importazzjoni (u li mhumiex koperti minn proġetti oħra definiti fil-Programm ta' Ħidma). Jirrelata prinċipalment mal-bidliet lill-proċedura tar-"Rilaxx għal ċirkolazzjoni libera" (proċedura standard + simplifikazzjonijiet), iżda jkopri wkoll l-impatt li jirriżulta minn migrazzjonijiet oħra tas-sistema. Dan il-proġett jirrigwarda l-qasam tal-importazzjoni nazzjonali li jkopri d-dikjarazzjonijiet doganali nazzjonali tas-sistemi tal-ipproċessar kif ukoll sistemi oħra bħall-kontabilità nazzjonali u s-sistemi tal-ħlas.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16(1) u l-Artikoli 53, 56, 77-80, 83-87, 101-105, 108-109, 158-187,194-195 tar-Regolamnet (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = għandha tiġi definita mill-Istat Membru	Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali	Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali
15. **Żdoganar Ċentralizzat għall-Importazzjoni (CCI) tal-KDU** Dan il-proġett għandu l-għan li jippermetti li l-merkanzija titpoġġa taħt proċedura doganali bl-użu ta' żdoganar ċentralizzat, li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jiċċentralizzaw in-negozju tagħhom minn perspettiva doganali. L-ipproċessar tad-dikjarazzjoni doganali u r-rilaxx fiżiku tal-merkanzija għandhom ikunu kkoordinati bejn l-uffiċċji doganali relatati. Il-proġett jikkonċerna sistema trans-Ewropea li fiha komponenti żviluppati ċentralment u nazzjonalment.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 179 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q2 2018	1.10.2020	Il-pjan tal-implimentazzjoni għandu jiġi definit bħala parti mid-dokumentazzjoni tal-proġett CCI
16. **Ġestjoni tal-Garanzija (GUM) tal-KDU** Dan il-proġett għandu l-għan li jiżgura l-ġestjoni effettiva u effiċjenti tat-tipi differenti ta' garanziji. *Il-Komponent 1 — "GUM"*: Dan il-proġett għandu l-għan li jkopri l-ġestjoni tal-garanziji komprensivi li jistgħu jintużaw f'iżjed minn Stat Membru wieħed u l-monitoraġġ tal-ammont ta' referenza għal kull dikjarazzjoni doganali, dikjarazzjoni supplimentari jew informazzjoni xierqa tad-dettalji meħtieġa għad-dħul fil-kontijiet għad-djun doganali eżistenti għall-proċeduri doganali kollha kif previst fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, minbarra t-Tranżitu li huwa trattat bħala parti mill-proġett tal-NCTS. *Il-Komponent 2 — "Ġestjoni tal-Garanzija Nazzjonali"*: Barra minn hekk, is-sistemi elettroniċi eżistenti fil-livell nazzjonali għall-ġestjoni tal-garanziji validi fi Stat Membru wieħed għandhom jiġu aġġornati.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 89–100 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q2 2018 (il-komponent 1) Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = għandha tiġi definita mill-Istat Membru (il-komponent 2)	1.10.2020 (il-komponent 1) Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali (il-komponent 2)	1.10.2020 (il-komponent 1) Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali (il-komponent 2)

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika (1)	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika (2) = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
17. **L-aġġornament tas-Sistema tal-Kontroll tal-Importazzjoni (ICS 2) tal-KDU** L-għan ta' dan il-proġett huwa li jissaħħu s-sikurezza u s-sigurtà tal-katina tal-provvista għall-modi kollha tat-trasport u speċjalment il-merkanzija bl-ajru, permezz ta' titjib tal-kwalità tad-dejta, tal-arkivjar tad-dejta, tad-disponibbiltà tad-dejta u tal-qsim tad-dejta rigward id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul u l-informazzjoni relatata tar-riskju u tal-kontroll (ċiklu tal-ħajja tal-ENS+). Il-proġett se jiffaċilita l-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri fil-proċess tal-analiżi tar-riskju. Dan se jwassal għal arkitettura kompletament ġdida tas-sistema ICS trans-Ewropea eżistenti.	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16, 46 u 127–132 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi =Q2 2018	1.10.2020	Il-pjan tal-implimentazzjoni għandu jiġi definit bħala parti mid-dokumentazzjoni tal-proġett ICS2

(1) Din id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi hija l-istess bħall-aktar data bikrija biex l-Istati Membri jibdew l-operazzjonijiet.
(2) Din id-data għat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi hija l-istess bħall-aħħar data sa meta s-sistema għandha tkun imnedija bis-sħiħ u l-aħħar data sa meta l-operaturi ekonomiċi kollha għandhom ikunu emigraw; fejn applikabbli, id-data għandha tkun stabbilita mill-Istati Membri u tkun bħad-data tat-tmiem tal-validità tal-perjodu tranżizzjonali. Din id-data m'għandiex tkun iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

B. **Ħarsa ġenerali lejn il-lista**

Proġetti tal-KDU relatati mas-sistemi elettroniċi	Dati tat-tnedija/Twieqi tat-tnedija	S1 2016	S2 2016	S1 2017	S2 2017	S1 2018	S2 2018	S1 2019	S2 2019	S1 2020	S2 2020
1. Sistema tal-Esportatur Reġistrat (REX) tal-KDU	1.1.2017										
2. Sistema tal-Informazzjoni Vinkolanti dwar it-Tariffi (BTI) tal-KDU	1.3.2017 (il-fażi 1 — il-pass 1) 1.10.2017 (il-fażi 1 — il-pass 2)) 1.10.2018 (il-fażi 2)			Il-fażi 1 (il-pass 1)	Il-fażi 1 (il-pass 2)		Il-fażi 2				
3. Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU	2.10.2017										

Proġetti tal-KDU relatati mas-sistemi elettroniċi	Dati tat-tnedija/Twieqi tat-tnedija	S1 2016	S2 2016	S1 2017	S2 2017	S1 2018	S2 2018	S1 2019	S2 2019	S1 2020	S2 2020
4. Aċċess dirett min-negozjanti għas-Sistemi tal-Informazzjoni Ewropej (Ġestjoni uniformi tal-utenti u firma diġitali)	2.10.2017										
5. Aġġornament tas-Sistema tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (AEO) tal-KDU	1.3.2018 (il-fażi 1) 1.10.2019 (il-fażi 2)					Il-fażi 1			Il-fażi 2		
6. Aġġornament tas-Sistema ta' Reġistrazzjoni u Identifikazzjoni tal-Operatur Ekonomiku tal-KDU (EORI 2)	1.3.2018										
7. Sorveljanza 3 tal-KDU	1.10.2018										
8. Prova ta' Status tal-Unjoni tal-KDU (PoUS)	1.3.2019–1.10.2019										
9. Aġġornament tas-Sistema Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzata (NCTS) tal-KDU	1.10.2019–2.3.2020										
10. Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES) tal-KDU — Il-komponent 1: AES trans-Ewropea	1.10.2019–2.3.2020										
10. Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES) tal-KDU — Il-komponent 2: Aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali ta' Esportazzjoni	1.3.2017–2.3.2020										
11. Dokumenti bit-Tagħrif Ewlieni (INF) tal-KDU għal Proċeduri Speċjali	2.3.2020										
12. Proċeduri Speċjali tal-KDU — Il-komponent 1: SP EXP nazzjonali	ippjanar nazzjonali 1.3.2017-2.3.2020 - ara wkoll il-proġett 10			SP EXP	SP EXP	SP EXP	SP EXP	SP EXP	SP EXP	SP EXP	

Proġetti tal-KDU relatati mas-sistemi elettroniċi	Dati tat-tnedija/Twieqi tat-tnedija	S1 2016	S2 2016	S1 2017	S2 2017	S1 2018	S2 2018	S1 2019	S2 2019	S1 2020	S2 2020
12. Proċeduri Speċjali tal-KDU — Il-komponent 2: SP IMP nazzjonali	ippjanar nazzjonali għall-SP IMP - ara wkoll il-proġett 14	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP
13. Notifika tal-wasla tal-KDU, notifika ta' preżentazzjoni u ta' ħażna temporanja	ippjanar nazzjonali										
14. L-aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni tal-KDU	ippjanar nazzjonali										
15. Żdoganar Ċentralizzat għall-Importazzjoni (CCI) tal-KDU	1.10.2020 — pjan ta' implimentazzjoni										
16. Ġestjoni tal-Garanzija (GUM) tal-KDU — Il-komponent 1: GUM trans-Ewropea	1.10.2020–1.10.2020										
16. Sistema tal-Ġestjoni tal-Garanzija (GUM) tal-KDU — Il-komponent 2: Ġestjoni tal-Garanzija Nazzjonali	ippjanar nazzjonali										
17. L-aġġornament tas-Sistema tal-Kontroll tal-Importazzjoni (ICS 2) tal-KDU	1.10.2020 — pjan ta' implimentazzjoni										

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA (UE) 2016/579 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-16 ta' Marzu 2016

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2012/27 dwar is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (BĊE/2016/6)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 17, 18 u 22 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-2 ta' April 2015, il-Kunsill Governattiv adotta l-Linja gwida (UE) 2015/930 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2015/15) ([1]), li emendat il-Linja gwida BĊE/2012/27 ([2]) biex tirrifletti l-fatt li banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro (BĊNi) jipprovdu servizzi ta' awtokollateralizzazzjoni u saldu fi flus tal-bank ċentrali f'TARGET2-Securities (T2S).

(2) L-esperjenza fl-applikazzjoni tal-Linja gwida BĊE/2012/27 ħarġet fid-dieher numru ta' kwistjonijiet fejn il-kjarifikazzjoni hija mixtieqa, partikolarment fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' awtokollateralizzazzjoni u saldu mill-BĊNi fi flus tal-bank ċentrali.

(3) Il-Kunsill Governattiv huwa l-proprjetarju ta' TARGET2, permezz tal-poteri ta' Livell 1 tiegħu, u jista' jistabbilixxi korpi konsultativi għall-appoġġ tal-Kunsill Governattiv fl-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu fir-rigward tal-ġestjoni u t-tħaddim ta' TARGET2.

(4) Barra minn dan, kompiti ta' ġestjoni tekniċi u operattivi relatati ma' TARGET2 għandhom jiġu fdati lil korp stabbiliti mill-Kunsill Governattiv.

(5) Għalhekk, il-Linja gwida BĊE/2012/27 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja gwida BĊE/2012/27 hija emendata kif ġej:

1. l-Artikolu 1a li ġej huwa mdaħħal:

"Artikolu 1a

Tranżazzjonijiet ta' TARGET2

Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom dejjem jużaw kontijiet ta' TARGET2 għat-tranżazzjonijiet li ġejjin:

(a) operazzjonijiet tal-politika monetarja ta' suq miftuħ fit-tifsira tal-Linja gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) (*),

([1]) Linja gwida (UE) 2015/930 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' April 2015 li temenda l-Linja gwida BĊE/2012/27 dwar sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (BĊE/2015/15) (ĠU L 155, 19.6.2015, p. 38).

([2]) Linja gwida BĊE/2012/27 tal-5 ta' Diċembru 2012 dwar sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (ĠU L 30, 30.1.2013, p. 1).

(b) saldu ta' tranżazzjonijiet b'sistemi anċillari;

(c) ħlasijiet bejn istituzzjonijiet ta' kreditu;

(*) Linja gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3) (Linja gwida dwar id-Dokumentazzjoni Ġenerali).";

2. fl-Artikolu 2, il-punt (25) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(25) 'likwidità disponibbli' tfisser bilanċ ta' kreditu f'kont ta' parteċipant u, jekk ikun japplika, kull linja ta' kreditu intraġurnata mogħtija fuq il-kont PM mill-BĊN taż-żona tal-euro rilevanti fir-rigward ta' tali kont iżda li ma jkunx għadu sar ġbid minnu, jew jekk japplika, imnaqqas bl-ammont ta' kull riżerva pproċessata ta' likwidità fuq kont PM jew l-imblokkar ta' fondi fuq id-DCA;";

3. L-Artikolu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Livelli ta' governanza

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), il-ġestjoni ta' TARGET2 għandha tkun ibbażata fuq skema ta' governanza fuq tliet livelli. Il-kompiti assenjati lill-Kunsill Governattiv (Livell 1), korp tekniku u operattivi ta' ġestjoni tal-Livell 2 u l-BĊNi li jipprovdu SSP (Livell 3) huma stabbiliti fl-Anness I.

2. Il-Kunsill Governattiv għandu jkun responsabbli għad-direzzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll ta' TARGET2. Il-kompiti assenjati lil-Livell 1 jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Kunsill Governattiv. Il-Kumitat tas-Sistemi ta' Ħlas u Saldu tas-SEBĊ (PSSC) għandu jassisti fil-Livell 1 fi kwistjonijiet li jirrigwardaw it-TARGET2.

3. Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 12.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊi tal-Eurosistema għandhom ikunu responsabbli għall-kompiti assenjati lil-Livell 2, fi ħdan il-qafas ġenerali ddefinit mill-Kunsill Governattiv. Għandu jitwaqqaf korp tal-Livell 2 mill-Kunsill Governattiv li l-BĊi tal-Eurosistema għandhom jafdaw b'ċerti kompiti ta' ġestjoni tekniċi u operattivi fir-rigward ta' TARGET2.

4. Il-BĊi tal-Eurosistema għandhom jorganizzaw lilhom infushom billi jikkonkludu ftehimiet xierqa.

5. Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 12.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊNi li jipprovdu SSP huma responsabbli għall-kompiti assenjati lil-Livell 3, fi ħdan il-qafas ġenerali ddefinit mill-Kunsill Governattiv.

6. Il-BĊNi li jipprovdu SSP għandhom jikkonkludu ftehim mal-BĊi tal-Eurosistema li jirregola s-servizzi li għandhom jingħataw minn dawk tal-ewwel lil dawk tal-aħħar. Dan il-ftehim għandu jinkludi wkoll, fejn xieraq, il-BĊNi konnessi.

7. L-Eurosistema, bħala fornitur ta' servizzi T2S, u l-BĊi tal-Eurosistema bħala operaturi tas-sistemi tal-komponent ta' TARGET2 nazzjonali għandhom jikkonkludu ftehim li jirregola s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti minn tal-ewwel lil tal-aħħar fir-rigward tal-operazzjoni tal-Kontijiet ta' Kontanti Dedikati. Dan il-ftehim għandu jinkludi wkoll, fejn xieraq, il-BĊNi konnessi."

4. L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura hija sostitwita b' li ġej:

"Kundizzjonijiet Armonizzati għall-Ftuħ u l-Operazzjoni ta' Kont PM jew DCA fit-TARGET2";

(b) l-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 hija sostituta b'dan li ġej:

"Kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jadotta arranġamenti li jimplimentaw il-Kundizzjonijiet Armonizzati għall-Ftuħ u l-Operazzjoni ta' kont PM fit-TARGET2 kif stabbilit fl-Anness II.";

5. fl-Artikolu 9(1), il-punti (b) u (c) jitħassru:

6. L-Annessi I, II, IIa, III, IIIa, IV u V huma emendati skont l-Anness ta' din il-Linja gwida.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-bank ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-bank ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din il-Linja gwida u japplikawhom mill-15 ta' April 2016. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2016.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja gwida hija indirizzata lill-bank ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-16 ta' Marzu 2016.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNESS

L-Annessi I, II, IIa, III, IIIa, IV u V tal-Linja gwida BĊE/2012/27 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS I

TARGET 2 ARRANĠAMENTI TA' GOVERNANZA

Livell 1 — Kunsill Governattiv	Livell 2 — Korp ta' ġestjoni tekniku u operattiv	Livell 3 — BĊNi li jipprovdu SSP
0. **Dispożizzjonijiet ġenerali**		
Il-Livell 1 għandu l-kompetenza finali fir-rigward ta' kwistjonijiet domestiċi u transkonfinali ta' TARGET2, u huwa responsabbli biex jissalvagwarda l-funzjoni pubblika ta' TARGET2	Il-Livell 2 jagħmel kompiti tekniċi u operattivi fir-rigward ta' TARGET2.	Il-Livell 3 jieħu deċiżjonijiet dwar it-tħaddim ta' kuljum tal-Pjattaforma Mqassma Waħda (SSP — Single Shared Platform) fuq il-bażi tal-livelli ta' servizz iddefiniti fil-ftehim imsemmi fl-Artikolu 7(6) ta' din il-Linja gwida.
1. **Il-politika tal-kost u tal-ipprezzar**		
— Jiddeċiedi dwar metodoloġija komuni tal-kost — Jiddeċiedi dwar struttura waħda għall-ipprezzar	— Jiddeċiedu dwar prezzijiet ta' servizzi u/jew moduli addizzjonali	(Mhux applikabbli)
2. **Livell ta' servizz**		
— Jiddeċiedi dwar servizzi ewlenin	— Jiddeċiedi dwar servizzi u/jew moduli addizzjonali	— Jagħti input skont il-bżonnijiet tal-Livell 1/Livell 2
3. **Il-ġestjoni tar-riskji**		
— Jiddeċiedi dwar il-qafas ġenerali għall-ġestjoni tar-riskju u l-aċċettazzzjoni tar-riskji li jifdal	— Iwettaq l-ġestjoni attwali tar-riskju — Iwettaq analiżi tar-riskju u aġġornamenti	— Jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-analiżi tar-riskju skont it-talbiet tal-Livell 1/Livell 2
4. **Governanza u finanzjament**		
— Jiddefinixxi regoli għat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-finanzjament tal-SSP — Jistabbilixxi u jiżgura l-implimentazzjoni adegwata tal-qafas legali tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali għat-TARGET2	— It-tħejjija tar-regoli dwar il-governanza u l-finanzjament deċiżi fil-Livell 1 — It-tħejjija tal-baġit, l-approvazzjoni tiegħu u l-implimentazzjoni — Ikun hemm kontroll tal-applikazzjoni — Il-ġbir ta' fondi u r-remunerazzjoni ta' servizzi	— Jagħti figuri tal-kost lil-Livell 2 għall-għoti tas-servizz

Livell 1 — Kunsill Governattiv	Livell 2 — Korp ta' ġestjoni tekniku u operattiv	Livell 3 — BĊNi li jipprovdu SSP
	5. **Żvilupp**	
— Jiġi kkonsultat mil-Livell 2 dwar fejn jinsab l-SSP — Japprova l-pjan ġenerali tal-proġett	— Jiddeċiedi dwar id-disinn inizjali u l-iżvilupp tal-SSP — Jiddeċiedi dwar jew l-istabbilment mill-ġdid jew l-istabbilment fuq il-bażi ta' pjattaforma eżistenti — Jiddeċiedi dwar l-għażla tal-operatur tal-SSP — Jistabbilixxi, bi qbil mal-Livell 3, il-livelli ta' servizz tal-SSP — Jiddeċiedi dwar fejn jinsab l-SSP wara konsultazzjoni mal-Livell 1 — Japprova l-metodoloġija tal-proċess tal-ispeċifikazzjoni u dak li jrid jiġi kkonsenjat tal-Livell 3 meqjusin xierqa sabiex jiġi speċifikat u, aktar tard, ittestjat u aċċettat il-prodott (b'mod partikolari l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali u dettaljati tal-utent) — Jistabbilixxi pjan ta' proġett bil-fażijiet determinanti — Jivvaluta u jaċċetta dak li jrid jiġi kkonsenjat — Jistabbilixxi xenarji bi prova — Koordinazzjoni bi prova tal-banek ċentrali u ta l-utenti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Livell 3	— Jipproponi d-disinn inizjali tal-SSP — Jipproponi jekk ikunx hemm l-istabbilment mill-ġdid jew l-istabbilment fuq il-bażi ta' pjattaforma eżistenti — Jipproponi l-post fejn jinsab l-SSP — Jabbozza l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali dettaljati (speċifikazzjonijiet funzjonali interni dettaljati u speċifikazzjonijiet funzjonali dettaljati tal-utent) — Jabbozza l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ddettaljati — Jagħti input (inizjali u dejjiemi) għall-ippjanar tal-fażijiet ta' proġetti u għall-kontroll — Jagħti appoġġ tekniku u operattiv għal provi (iwettqu provi fuq il-SSP, jagħtu input għal xenarji bi prova relatati mal-SSP, jagħtu appoġġ lill-BĊi tal-Eurosistema fl-attivitajiet bi prova tagħhom tal-SSP)
	6. **Implimentazzjoni u migrazzjoni**	
— Jiddeċiedi dwar l-istrateġija ta' migrazzjoni	— Iħejji u jikkoordina l-migrazzjoni għall-SSP, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Livell 3	— Jagħti input dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni skont talbiet tal-Livell 2 — Iwettaq xogħol ta' migrazzjoni relatat mal-SSP; appoġġ addizzjonali lill-BĊNi li qed jingħaqdu
	7. **Tħaddim**	
— Il-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi severa — L-awtorizzazzjoni tat-twaqqif u t-tħaddim tas-Simulatur TARGET2 — Il-ħatra ta' awtoritajiet għaċ-ċertifikazzjoni għall-aċċess ibbażat fuq l-Internet	— Iż-żamma ta' kuntatti ma' utenti tas-sistema f'livell Ewropew (mingħajr ħsara għar-responsabbiltà unika ta' BĊi tal-Eurosistema għar-relazzjoni mal-klijenti tagħhom fin-negozju) u l-monitoraġġ ta' kuljum tal-attività tal-utent minn perspettiva ta' negozju (funzjoni ta' BĊ tal-Eurosistema)	— Il-ġestjoni tas-sistema abbazi tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 7(6) ta' din il-Linja gwida"

Livell 1 — Kunsill Governattiv	Livell 2 — Korp ta' ġestjoni tekniku u operattiv	Livell 3 — BĊNi li jipprovdu SSP
— L-ispeċifikazzjoni tal-politika tas-sigurtà, ir-rekwiżiti u l-kontrolli għall-SSP — L-ispeċifikazzjoni tal-prinċipji applikabbli għas-sigurtà taċ-ċertifikati maħruġin għall-aċċess ibbażat fuq l-Internet	— Il-monitoraġġ ta' żviluppi fin-negozju — L-ibbaġitjar, il-finanzjament, il-fatturar (funzjoni ta' BĊ tal-Eurosistema) u dmirijiet amministrattivi oħrajn	

2. L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 1, id-definizzjoni ta' "awtorizzazzjoni ta' debitu dirett" hija sostitwita b'dan li ġej:

"— 'awtorizzazzjoni ta' debitu dirett' tfisser struzzjoni ġenerali minn pagatur lill-BĊ tiegħu u li jobbliga dak il-BĊ li jiddebita l-kont tal-pagatur fuq struzzjoni ta' debitu dirett minn min jirċievi l-ħlas,";

(b) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Detentur ta' kont PM li jaċċetta l-kont PM tiegħu jiġi indikat bħala l-kont PM Ewlieni ddefinit fl-Anness IIa għandu jkun marbut bi kwalunkwe fatturi relatati mal-ftuħ u l-operazzjoni ta' kull Kont ta' Kontanti Dedikat marbut ma' dak il-kont PM, kif stabbilit fl-Appendiċi VI ta' dan l-Anness, irrispettivament mill-kontenut ta', jew kull nuqqas ta' konformità ma', il-ftehim kuntrattwali jew xorta oħra bejn id-detentur tal-kont PM u d-detentur DCA.";

(ii) jiddaħħal il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Detentur tal-Kont PM li jkollu wkoll DCA użat għall-awtokollateralizzazzjoni għandu jkun responsabbli għal kull penali miġbura skont il-paragrafu 9(d) tal-Anness IIIa.";

(c) l-Artikolu 34 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza li ġejja għandha tiżdied fl-aħħar tal-paragrafu 1:

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu it-teħid ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni fit-tifsira tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) kontra detentur ta' kont PM m'għandux jikkwalifika awtomatikament bħala l-ftuħ ta' proċeduri ta' insolvenza.

(*) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190);"

(ii) il-punt 4(a) huwa sostitwit b'li ġej:

"(a) Fil-każ li [daħħal l-isem tal-BĊ] jissospendi jew jittermina l-parteċipazzjoni tal-kont PM tad-detentur fit-TARGET2-[daħħal il-BĊ/referenza tal-pajjiż] skont il-paragrafu 1 jew 2, il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu jinforma minnufih, permezz ta' messaġġ imxandar ICM jew messaġġ imxandar T2S, li dak id-detentur tal-kont PM, BĊi oħrajn detenturi tal-kont PM u detenturi tad-DCA fis-sistemi tal-komponenti ta' TARGET2 b'tali sospensjoni jew terminazzjoni. Dan il-messaġġ għandu jitqies li nħareġ mill-BĊ domestiku tad-detentur tal-kont PN u d-detentur tad-DCA li jirċievi l-messaġġ";

(iii) il-paragrafu 4 hu mħassar;

(d) fl-Artikolu 38, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

"1. Il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu jżomm kunfidenzjali kull informazzjoni sensittiva jew kunfidenzjali, inkluż meta din l-informazzjoni tirrigwarda ħlas, informazzjoni teknika jew organizzattiva li tappartjeni għall-parteċipant, parteċipanti mill-istess grupp jew għall-klijenti tal-parteċipant, sakemm il-parteċipant jew il-klijent tiegħu ma jkunx ta l-kunsens bil-miktub biex jiġi żvelat [daħħal il-fraži li jmiss jekk applikabbli taħt il-liġi nazzjonali: jew dan l-iżvelar huwa permess jew meħtieġ taħt il-liġi [daħħal l-aġġettiv li jirrelata mal-isem tal-pajjiż]].";

(e) fl-Appendiċi II, il-paragrafu 3(a)(ii) huwa sostitwit b'li ġej:

"(ii) il-kumpens ta' imgħax għandu jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni ta' rata ta' referenza ffissata minn jum għal jum. Din ir-rata ta' referenza għandha tkun dik l-aktar baxxa mir-rata medja tal-indiċi mil-lum għall-għada tal-euro (EONIA) u r-rata ta' self marġinali. Ir-rata ta' referenza għandha tiġi applikata għall-ammont tal-ordni ta' ħlas li ma jkunx sar saldu tiegħu b'riżultat tal-ħsara teknika ta' TARGET2 għal kull jum fil-perijodu mid-data tal-ordnijiet ta' ħlas attwali jew, fir-rigward tal-istess ordnijiet ta' ħlas imsemmija fil-paragrafu 2(b)(ii), is-sottomissjoni maħsuba tal-ordni ta' ħlas sad-data li fiha l-ordni ta' ħlas kienet saret jew setgħet ġiet saldata b'suċċess. Kull imgħax jew spejjeż li jirriżultaw mit-tpoġġija ta' kwalunkwe ordnijiet ta' ħlas mhux saldati fuq depożitu mal-Eurosistema għandhom jitnaqqsu minn jew jiġu imposti fuq l-ammont ta' kwalunkwe kumpens, skont il-każ; u";

(f) fl-Appendiċi IV, il-paragrafu 4 hu emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Fil-każ li l-operazzjoni tal-SSP jew tal-Pjattaforma jiġu rilokati minn reġjun wieħed (Reġjun 1) għal reġjun ieħor (Reġjun 2), il-parteċipanti għandhom jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex jirrikonċiljaw il-pożizzjonijiet tagħhom sal-mument tal-ħsara jew sa meta jkun ġara l-każ estern mhux normali, u jipprovdu lil [daħħal isem il-BĊ] l-informazzjoni kollha rilevanti f'dan ir-rigward.";

(ii) jiddaħħal il-punt (c) li ġej:

"(c) Meta ordni ta' trasferiment ta' likwidità PM għal DCA tiġi ddebitata fuq il-kont PM tal-parteċipant fuq l-SSP fir-Reġjun 1, imma, wara r-rikonċiljazzjoni, ma jidhirx li hija ddebitata fuq l-SSP fir-Reġjun 2, il-BĊ responsabbli għall-parteċipan, għandu jiddebita l-kont PM tal-parteċipant fir-Reġjun 2 biex iġib lura l-bilanċ tal-kont PM tal-parteċipant għal-livell li kellu qabel ir-rilokazzjoni.";

(g) fl-Appendiċi IV, il-paragrafu 6(d)(iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) ordnijiet ta' trasferiment ta' likwidità DCA lil PM.";

(h) fl-Appendiċi IV, il-paragrafu 8(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) Il-[daħħal isem il-BĊ] jista' jitlob li l-parteċipanti jipparteċipaw f'ittestjar regolari jew *ad hoc* ta' miżuri ta' kontinwità tas-servizz u ta' pproċessar ta' kontinġenza, f'taħriġ jew f'kull arranġament preventiv ieħor, kif jitqies meħtieġ minn [daħħal isem il-BĊ]. L-ispejjeż kollha li l-parteċipanti jkollhom b'riżultat ta' dan l-ittestjar jew arranġamenti oħra għandhom jitħallsu mill-parteċipanti biss.";

3. L-Anness IIa huwa emendat kif gej:

(a) Fl-Artikolu 1, id-definizzjoni ta' "awtokollateralizzazzjoni" tinbidel b'dan li ġej:

"— 'awtokollateralizzazzjoni' tfisser kreditu intraġurnata mogħti mill-Bank Ċentrali Nazzjonali (BĊN) taż-żona tal-euro fi flus tal-bank ċentrali attivata meta detentur DCA ma jkollux biżżejjed fondi biex jissalda tranżazzjonijiet ta' garanziji, fejn tali kreditu intraġurnata jiġi kkollateralizzat jew billi jinxtraw titoli (kollaterali fuq fluss), jew b'garanziji miżmumin diġà mid-detentur DCA (kollateral fi stokk). Tranżazzjoni ta' awtokollateralizzazzjoni tikkonsisti minn żewġ tranżazzjonijiet distinti, waħda għall-għoti ta' awtokollateralizzazzjoni u waħda għar-rimbors tagħha. Tista' tinkludi t-tielet tranżazzjoni għal kull rilokazzjoni tal-kollateral eventwali. Għall-finijiet tal-Artikolu 16, it-tliet tranżazzjonijiet huma kkunsidrati li ddaħħlu fis-sistema u tqiesu irrevokabbli fl-istess ħin tat-tranżazzjoni għall-għoti tal-awtokollateralizzazzjoni.";

(b) fl-Artikolu 1, id-definizzjoni ta' "Kont PM Ewlieni" jinbidel b'dan li ġej:

"— 'Kont PM Ewlieni' ifisser il-Kont PM li miegħu hemm magħqud DCA u li fih jiġi awtomatikament ripatrijat kull bilanċ li jibqa' fl-aħħar tal-jum,";

(c) fl-Artikolu 16(3), il-paragrafu introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu jiġi ffirmat ftehim bejn il-BĊi tal-Eurosistema u l-BĊNi konnessi, minn naħa, u s-CSDs kollha li jipparteċipaw fit-T2S, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' informazzjoni fil-każ ta' insolvenza ta' parteċipant, u r-responsabbiltà ta' kull firmatarju fil-ftehim. Ġimagħtejn wara li l-BĊE jkun ikkonferma lill-firmatarji kollha tal-ftehim li l-proċeduri għall-iskambju tal-informazzjoni msemmija iktar 'il fuq ġew stabbiliti u approvati mill-partijiet kollha tiegħu, ir-regoli previsti fil-paragrafu 2 għandhom jinbidlu b'dawn li ġejjin:";

(d) fl-Artikolu 24(1), is-sentenza li ġejja tiżdied fl-aħħar:

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu t-teħid ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni fit-tifsira tad-Direttiva 2014/59/UE kontra detentur ta' kont DCA m'għandux jikkwalifika awtomatikament bħala l-ftuħ ta' proċeduri ta' insolvenza."

(e) L-Artikolu 24(4) huwa emendat kif ġej:

(i) punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Fil-każ li [daħħal l-isem tal-BĊ] jissospendi jew jittermina l-parteċipazzjoni tal-kont PM tad-detentur fit-TARGET2-[daħħal il-BĊ/referenza tal-pajjiż] skont il-paragrafu 1 jew 2, il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu jinforma minnufih, permezz ta' messaġġ imxandar ICM jew messaġġ imxandar T2S, lil dak id-detentur DCA, lil BĊi u dententuri tad-DCA oħrajn, u lil detenturi tal-kont PM fis-sistemi tal-komponenti ta' TARGET2 kollha b'tali sospensjoni jew terminazzjoni. Dan il-messaġġ għandu jitqies li nħareġ mill-BĊ domestiku tad-detentur tad-DCA u d-detentur tal-kont PN li jirċievi l-messaġġ.";

(ii) il-punt (b) hu mħassar;

(f) fl-Appendiċi II, il-paragrafu 3(a)(ii) huwa sostitwit b'li ġej:

"(ii) il-kumpens ta' imgħax għandu jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni ta' rata ta' referenza ffissata minn jum għal jum. Din ir-rata ta' referenza għandha tkun dik l-aktar baxxa mir-rata medja tal-indiċi mil-lum għall-għada tal-euro (EONIA) u r-rata ta' self marġinali. Ir-rata ta' referenza għandha tiġi applikata għall-ammont tal-ordni ta' ħlas li ma jkunx sar saldu tiegħu b'riżultat tal-ħsara teknika ta' TARGET2 għal kull jum fil-perijodu mid-data tal-ordnijiet ta' ħlas attwali jew, fir-rigward tal-istess ordnijiet ta' ħlas imsemmija fil-paragrafu 2(b)(ii), is-sottomissjoni maħsuba tal-ordni ta' ħlas sad-data li fiha l-ordni ta' ħlas kienet ġiet saldata jew setgħet ħiet saldata b'suċċess. Kull imgħax jew kosti li jirriżultaw mit-tpoġġija ta' kwalunkwe ordnijiet ta' ħlas mhux saldati fuq depożitu mal-Eurosistema għandhom jitnaqqsu minn jew jiġu imposti mill-ammont ta' kwalunkwe kumpens, skont il-każ; u";

(g) fl-Appendiċi IV, il-paragrafu 7(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Il-[daħħal isem il-BĊ] jista' jitlob li d-detenturi DCA jipparteċipaw f'ittestjar regolari jew *ad hoc* ta' miżuri ta' kontinwità tas-servizz u ta' pproċessar ta' kontinġenza, f'taħriġ jew f'kull arranġament preventiv ieħor, kif jitqies meħtieġ minn [daħħal isem il-BĊ]. L-ispejjeż kollha li d-detenturi DCA jkollhom b'riżultat ta' dan l-ittestjar jew arranġamenti oħra għandhom jitħallsu mid-detenturi DCA.";

(h) l-Appendiċi VI huwa sostitwit b'li ġej:

"Appendiċi VI

SKEDA TAD-DRITTIJIET

Drittijiet għal servizzi T2S

Id-drittijiet li ġejjin għal servizzi T2S konnessi mad-DCAs għandhom jitħallsu mid-detenturi tal-kont PM Ewlieni:

Partiti tat-tariffa	Prezz	Spjegazzjoni
Servizzi ta' saldu:		
Ordnijiet ta' trasferiment ta' likwidità DCA lil DCA	9 euro ċenteżmi	kull trasferiment
Moviment intrabilanċ (i.e. imblukkar, żblukkar, riżerva ta' likwidità, eċċ.)	6 euro ċenteżmi	kull tranżazzjoni

Partiti tat-tariffa	Prezz	Spjegazzjoni
Servizzi tal-informazzjoni		
Rapporti A2 A	0,4 euro ċenteżmi	Għal kull partita fi kwalunkwe rapport A2 A ġġenerat
Mistoqsijiet A2 A	0,7 euro ċenteżmi	Għal kull partita tan-negozju mistoqsija fi kwalunkwe mistoqsija dwar A2 A ġġenerata
Mistoqsijiet U2 A	10 euro ċenteżmi	Għal kull funzjoni tat-tiftix eżegwita
Mistoqsijiet U2 A mniżżla	0,7 euro ċenteżmi	Għal kull partita tan-negozju mistoqsija fi kwalunkwe mistoqsija dwar U2 A ġġenerata u mniżżla
Messaġġi marbura f'fajl	0,4 euro ċenteżmi	Għal kull messaġġ f'fajl
Trażmissjonijiet	1,2 euro ċenteżmi	Kull trażmissjoni"

4. L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (7) fit-taqsima "Definizzjonijiet" huwa sostitwit b'li ġej:

"(7) 'rabtiet mill-qrib' ifissru rabtiet mill-qrib fit-tifsira tal-Artikolu 138 tal-Linja gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60);";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jipprovdi kreditu intraġurnata lil istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fiż-ŻEE li huma kontropartijiet eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema, għandu aċċess għall-faċilità ta' self marġinali u għandu kont mal-BĊN taż-żona tal-euro rilevanti, inkluż meta dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jaġixxu permezz ta' fergħa stabbilita fiż-ŻEE u inklużi fergħat stabbiliti fiż-ŻEE ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li huma stabbiliti barra ż-ZEE, iżda dawk il-friegħi għandhom ikunu stabbiliti fl-istess pajjiż bħall-BĊN relevanti taż-żona tal-euro. L-ebda kreditu intraġurnata ma jista' jingħata lil entitajiet li huma suġġetti għal miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri skont l-Artikolu 65(1)(b), l-Artikolu 75 jew l-Artikolu 215 tat-Trattat li l-implimentazzjoni tagħhom, minħabba [referenza għall-BĊ/pajjiż] wara li ġie infurmat il-BĊE, hija kompatibbli mal-funzjonament bla xkiel ta' TARGET2.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'li ġej:

"2. Il-kreditu intraġurnata jista' jingħata ukoll lill-entitajiet li ġejjin:

(a) imħassar;

(b) istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fiż-ŻEE li mhumiex kontrapartijiet eliġibbli għall-operazzjonijiet tal-politka monetarja tal-Eurosistema u/jew m'għandhomx aċċess għall-faċilità ta' self marġinali, inkluż meta dawn jaġixxu permezz ta' fergħa stabbilita fiż-ŻEE u inklużi fergħat stabbiliti fiż-ŻEE ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li huma stabbiliti barra ż-ŻEE;

(c) dipartimenti tat-teżor ta' gvernijiet ċentrali jew reġjonali ta' Stati Membri attivi fis-swieq tal-flus u korpi tas-settur pubbliku awtorizzati li jżommu kontijiet għal klijenti;

(d) ditti ta' investiment stabbiliti fiż-ŻEE sakemm ikunu kkonkludew arranġament ma' kontroparti tal-politika monetarja tal-Eurosistema biex jiżguraw li kull pożizzjoni ta' debitu residwa fi tmiem il-jum rilevanti tkun koperta; u

(e) entitajiet li mhumiex dawk li jaqgħu taħt il-punt (b) li jiġġestixxu sistemi anċillari u jaġixxu f'dik il-kapaċità, iżda l-arranġamenti għall-għoti ta' kreditu intraġurnata lil dawn l-entitajiet ikunu ntbagħtu lill-Kunsill Governattiv bil-quddiem u jkunu ġew approvati mill-Kunsill Governattiv,

iżda fil-każijiet speċifikati fil-punti (b) sa (e) l-entità li tirċievi l-kreditu intraġurnata għandha tkun stabbilita fl-istess ġurisdizzjoni bħall-BĊN li jipprovdi l-kreditu intraġurnata.

Il-kreditu mil-lum għall-għada kollu mogħti lil kontropartijiet ċentrali eliġibbli għandu jkun suġġett għall-kundizzjonijiet ta' dan l-Anness (inkluż id-dispożizzjonijiet relatati mal-kollateral eliġibbli).

Is-sanzjonijiet previsti fil-paragrafi 10 u 11 għandhom japplikaw meta kontropartijiet ċentrali jonqsu milli jirrimborsaw il-kreditu mil-lum għall-għada estiż għalihom mill-BĊN tagħhom.";

(d) il-paragrafu 3, jinbidel b'li ġej:

"3. Għall-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2(b) sa (e), u skont l-Artikolu 19 tal-Linja gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), il-kreditu intraġurnata għandu jkun limitat għall-jum imsemmi u l-ebda estenzjoni għal kreditu mil-lum għall-għada ma għandha tkun possibbli.

Bħala deroga, il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi, permezz ta' deċiżjoni motivata minn qabel, li jipprovdi aċċess għall-faċilità ta' self marġinali lil ċerti kontropartijiet ċentrali eliġibbli (CCPs), fl-ambitu tal-Artikolu 139(2)(c) tat-Trattat flimkien mal-Artikoli 18 u 42 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-Artikolu 1(1) tal-Linja gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60). Tali CCPs eliġibbili huma dawk li, fil-ħinijiet rilevanti kollha:

(a) huma entitajiet eliġibbli għall-finijiet tal-paragrafu 2(e) sakemm dawk l-entitajiet eliġibbli jkunu wkoll awtorizzati bħala CCPs skont il-leġizlazzjoni applikabbli tal-Unjoni jew nazzjonali;

(b) huma stabbiliti fiz-żona tal-euro;

(c) huma suġġetti għal supervizjoni u/jew sorveljanza minn awtoritajiet kompetenti;

(d) jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sorveljanza għall-pożizzjoni ta' infrastrutturi li joffru servizzi f'euro, kif emendati minn żmien għal żmien u ppubblikati fil-websajt tal-BĊE (*)

(e) ikollhom kontijiet fil-Payments Module [Modulu ta' Ħlas] (PM) ta' TARGET2;

(f) ikollhom aċċess għal kreditu intraġurnata;

(*) Il-politika kurrenti tal-Eurosistema għal fejn jinsabu infrastrutturi hija stipulata fid-dikjarazzjonijiet li ġejjin, li huma kollha ppubblikati fil-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu: (a) id-dikjarazzjoni tal-Politika dwar sistemi ta' ħlas u saldu tal-euro li jinsabu barra ż-żona tal-euro tat-3 ta' Novembru 1998; (b) Il-linja tal-politika tal-Eurosistema fir-rigward tal-konsolidazzjoni fl-ikklerjar tal-kontropartijiet ċentrali tas-27 ta' Settembru 2001; (c) Il-prinċipji tal-politika tal-Eurosistema dwar fejn jinsabu u t-tħaddim ta' infrastrutturi għas-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas iddenominati f'euro tad-19 ta' Lulju 2007; (d) Il-prinċipji tal-politika tal-Eurosistema dwar il-post u t-tħaddim ta' infrastrutturi għas-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas iddenominati f'euro: speċifikazzjoni ta' "sitwati legalment u operazzjonalment fiż-żona tal-euro" tal-20 ta' Novembru 2008; (e) Il-politika tal-qafas ta' sorveljanza tal-Eurosistema ta' Lulju 2011, bla ħsara għas-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, *Ir-Renju Unit vs Il-Bank Ċentrali Ewropew*, T-496/11, ECLI:EU:T:2015:496.";

(e) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-kreditu intraġurnata għandu jkun ibbażat fuq kollateral eliġibbli u mogħti permezz ta' self intraġurnata u kkollateralizzat u/jew tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid intraġurnata li huma konformi mal-karatteristiċi komuni minimi addizzjonali (inklużi l-każijiet ta' inadempjenza msemmijin hemm, kif ukoll il-konsegwenzi rispettivi tagħhom) li jispeċifika l-Kunsill Governattiv fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema. Kollateral eliġibbli għandu jikkonsisti mill-istess assi u strumenti bħala assi eliġibbli għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, u għandu jkun suġġett għall-istess regoli dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskju bħal dawk stabbiliti fil-Parti Erbgħa tal-Linja ta' Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

Kreditu intraġurnata għandu jingħata biss ladarba l-assi eliġibbli pprovduti bħala kollateral jiġu finalment ittrasferiti jew mirhuna. Għal dan l-iskop, il-kontropartijiet għandhom jiddepożitaw minn qabel jew ikun rahnu l-assi eliġibbli mal-BĊN rilevanti jew ikunu ssaldaw l-assi eliġibbli mal-BĊN rilevanti fuq il-bażi ta' konsenja mal-ħlas.";

(f) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Strumenti ta' debitu maħruġa jew iggarantiti mill-entità, jew minn kull terza parti oħra li magħha l-entità għandha rabtiet mill-qrib, jistgħu jiġu aċċettati biss bħala kollateral eliġibbli fis-sitwazzjonijiet stabbiliti fil-Parti Erbgħa tal-Linja gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).";

(g) fil-paragrafu 12, il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) Jekk l-Eurosistema tiddeċiedi li tissospendi, tillimita jew teskludi l-aċċess tal-kontropartijiet għall-istrumenti ta' politika monetarja għal raġunijiet ta' prudenza jew xorta oħra skont l-Artikolu 158 tal-Linja gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), il-BĊNi taż-żona tal-euro għandhom jimplimentaw dik id-deċiżjoni fir-rigward ta' aċċess għall-kreditu intraġurnata skont id-dispożizzjonijiet fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊNi rispettivi.";

5. L-Anness IIIa huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (1) fit-taqsima "Definizzjonijiet" huwa ssostitwit b'li ġej:

"(1) "awtokollateralizzazzjoni" tfisser kreditu intraġurnata mogħti mill-BĊN fiż-żona tal-euro fi flus tal-bank ċenrali attivat meta detentur DCA ma jkollux biżżejjed fondi biex jissalda tranżazzjonijiet ta' garanziji, fejn tali kreditu intraġurnata jiġi kkollateralizzat jew billi jinxtraw titoli (kollaterali fuq fluss), jew b'garanziji miżmumin diġà mid-detentur DCA (kollateral fi stokk). Tranżazzjoni ta' awtokollateralizzazzjoni tikkonsisti minn żewġ tranżazzjonijiet distinti, waħda għall-għoti ta' awtokollateralizzazzjoni u waħda għar-rimbors tagħha. Tista' tinkludi t-tielet tranżazzjoni għal kull rilokazzjoni eventwali tal-kollateral. Għall-finijiet tal-Artikolu 16 tal-Anness IIa, it-tliet tranżazzjonijiet huma kkunsidrati li ddaħħlu fis-sistema u tqiesu irrevokabbli fl-istess ħin tat-tranżazzjoni għall-għoti tal-awtokollateralizzazzjoni;";

(a) il-punt (6) fit-taqsima "Definizzjonijiet" huwa ssostitwit b'li ġej:

"(6) 'rabtiet mill-qrib' ifissru rabtiet mill-qrib fit-tifsira tal-Artikolu 138 tal-Linja gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60);";

(c) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtokollateralizzazzjoni għandha tkun ibbażata fuq kollaterali eliġibbli. Kollateral eliġibbli għandu jikkonsisti mill-istess assi bħala eliġibbli għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, u għandu jkun suġġett għall-istess regoli dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskju bħal dawk stabbiliti fil-Parti Erbgħa tal-Linja gwida (UE) 2015/510 BĊE/2014/60.";

(d) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Strumenti ta' debitu maħruġa jew iggarantiti mill-entità, jew minn kull terza parti oħra li magħha l-entità għandha rabtiet mill-qrib, jistgħu jiġu aċċettati biss bħala kollateral eliġibbli fis-sitwazzjonijiet stabbiliti fil-Parti Erbgħa tal-Linja gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).";

(e) Fil-paragrafu 9, il-punt (d) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(d) Il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu japplika penali ta' EUR 1 000 għal kull jum tan-negozju fejn ikun sar rikors wieħed jew iżjed għar-rilokazzjoni kollaterali taħt il-punt (c). Il-penali għandha tiġi ddebitata mill-kont PM rilevanti tad-detentur DCA msemmi fil-punt (c).".

(f) fil-punt 10(c), l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"L-Eurosistema tista' tiddeċiedi li tissospendi, tillimita jew teskludi l-aċċess tal-kontropartijiet għall-istrumenti ta' politika monetarja għal raġunijiet ta' prudenza jew inkella skont l-Artikolu 158 tal-Linja gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).";

(g) fil-paragrafi 1 u 13, il-kliem "6 ta' Frar" huwa ssostitwit bil-kliem "18 ta' Settembru".

6. Il-paragrafu 18(1) tal-Anness IV huwa ssostitwit b'li ġej:

"18. **Skeda tad-drittijiet u fatturar**

(1) Sistema anċillari li tuża l-ASI jew l-Interfaċċa tal-Parteċipant, irrispettivament min-numru ta' xi kontijiet li jista' jkollha mal-ASCB u/jew l-SCB, għandha tkun suġġetta għal skeda ta' drittijiet li tikkonsisti minn dawn l-elementi:

(a) Dritt fiss ta' kull xahar ta' EUR 1 000 li għandu jiġi impost fuq kull sistema anċillari (Dritt Fiss I).

(b) It-tieni dritt fiss ta' kull xahar ta' bejn EUR 417 u EUR 8 334, fi proporzjon mal-valur gross bażiku tat-tranżazzjonijiet tas-saldu tal-flus kontanti f'euro tas-sistema anċillari (Dritt Fiss II):

Faxxa	Minn (miljun EUR/jum)	Sa (miljun EUR/jum)	Dritt annwali	Dritt ta' kull xahar
1	0	taħt l-1 000	EUR 5 000	EUR 417
2	1 000	taħt l-2 500	EUR 10 000	EUR 833
3	2 500	taħt il-5 000	EUR 20 000	EUR 1 667
4	5 000	taħt l-10 000	EUR 30 000	EUR 2 500
5	10 000	taħt il-50 000	EUR 40 000	EUR 3 333
6	50 000	taħt il-500 000	EUR 50 000	EUR 4 167
7	'Il fuq minn 500 000	—	EUR 100 000	EUR 8 334

Il-valur gross tat-tranżazzjonijiet ta' saldu fi flus kontanti tal-euro tas-sistema anċillari jiġi kkalkolat mill-ASCB darba fis-sena fuq il-bażi ta' dan il-valur gross matul is-sena preċedenti u l-valur gross ikkalkolat għandu jkun applikat għall-kalkolu tad-dritt sa mill-1 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja. Il-valur gross għandu jeskludi tranżazzjonijiet saldati fuq DCAs.

(c) Id-dritt ta' tranżazzjoni kkalkulata fuq l-istess bażi bħall-iskeda stabbilita għall-detenturi ta' kont PM fl-Appendiċi VI tal-Anness II. Is-sistema anċillari tista' tagħżel waħda miż-żewġ opzjonijiet: jew li jħallsu dritt fiss ta' EUR 0,80 għal kull struzzjoni ta' ħlas (Opzjoni A) jew li jħallsu dritt ikkalkolat fuq bażi degressiva (Opzjoni B), mingħajr ħsara għall-modifiki li ġejjin:

(i) għal Opzjoni B, il-limiti tal-faxex fir-rigward tal-volum ta' struzzjonijiet ta' ħlas huma diviżi fi tnejn, u

(ii) dritt fiss ta' kull xahar ta' EUR 150 (taħt Opzjoni A) jew EUR 1 875 (taħt Opzjoni B) jiġu imposti minbarra d-Dritt Fiss I u d-Dritt Fiss II.

(d) Minbarra d-drittijiet stabbiliti f'(a) sa (c), sistema anċillari li tuża l-ASI jew l-Interfaċċa tal-Parteċipant għandha tkun suġġetta wkoll għad-drititjiet li ġejjin:

(i) Jekk is-sistema anċillari tagħmel użu mis-servizzi b'valur miżjud ta' TARGET2 għal T2S, id-dritt mensili għall-użu ta' servizzi b'valur miżjud għandu jkun ta' EUR 50 għal dawk is-sistemi li għażlu l-opzjoni A u EUR 625 għal dawk is-sistemi li għażlu l-opzjoni B. Dan id-dritt għandu jintalab għal kull kont miżmum mis-sistema anċillari li tuża s-servizzi;

(ii) Jekk is-sistema anċillari għandha kont PM Ewlieni marbut ma' DCA waħda jew iżjed, id-dritt mensili għandu jkun ta' EUR 250 għal kull DCA marbut; u

(iii) Is-sistema anċillari bħala d-detentur tal-kont PM Ewlieni għandha tintalab il-ħlas tad-drittijiet li ġejjin għal servizzi T2S konnessi mad-DCA(s) marbuta. Dawn il-partiti għandhom jiġu ffatturati separatament

Partiti tat-tariffa	Prezz	Spjegazzjoni
Servizzi ta' saldu:		
Ordnijiet ta' trasferiment ta' likwidità DCA lil DCA	9 euro ċenteżmi	kull trasferiment
Moviment intrabilanċ (i.e. imblukkar, żblukkar, riżerva ta' likwidità, eċċ.)	6 euro ċenteżmi	kull tranżazzjoni

Partiti tat-tariffa	Prezz	Spjegazzjoni
Servizzi tal-informazzjoni		
Rapporti A2 A	0,4 euro ċenteżmi	Għal kull partita fi kwalunkwe rapport A2 A ġġenerat
Mistoqsijiet A2 A	0,7 euro ċenteżmi	Għal kull partita tan-negozju mistoqsija fi kwalunkwe mistoqsija dwar A2 A ġġenerata
Mistoqsijiet U2 A	10 euro ċenteżmi	Għal kull funzjoni tat-tiftix eżegwita
Mistoqsijiet U2 A mniżżla	0,7 euro ċenteżmi	Għal kull partita tan-negozju mistoqsija fi kwalunkwe mistoqsija dwar U2 A ġġenerata u mniżżla
Messaġġi marbuta f'fajl	0,4 euro ċenteżmi	Għal kull messaġġ f'fajl
Tramissjonijiet	1,2 euro ċenteżmi	Kull trażmissjoni"

7. fl-Anness V, il-paragrafu 3 tal-Appendiċi IIA huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu joħroġ u jżomm sa ħames ċertifikati attivi bla ħlas għal kull parteċipant għal kull kont PM. Il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu jimponi dritt ta' EUR 120 għall-ħruġ ta' sitt ċertifikat attiv u kull wieħed ieħor addizzjonali sussegwenti. Il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu jimponi dritt ta' manteniment annwali ta' EUR 30 għas-sitt ċertifikat attiv u kull wieħed ieħor addizzjonali sussegwenti. Ċertifikati attivi għandhom ikunu validi għal ħames snin.".

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2448 tal-14 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 345 tat-30 ta' Diċembru 2015)

F'paġna 4, fl-Anness, l-intestatura *09.2684,

minflok:

"*09.2684	ex 2916 39 90	28	Klorur ta' 2,5-dimetilfenilaċetil (CAS RN 55312-97-5)	1.7-31.12.	125 tunnellata	0 %"

aqra:

"*09.2684	ex 2916 39 90	28	Klorur ta' 2,5-dimetilfenilaċetil (CAS RN 55312-97-5)	01.01-31.12.	250 tunnellata	0 %"

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT